MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2010

Citazzjoni Numru. 455/2008

**A B**

**-vs-**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ A B, fejn din wara li ppremettiet:

Illi l-kontendenti zzewgu fil-hmistax (15) ta’ Lulju tas-sena elf disa’ mija u tnejn u disghin (1992) kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. ‘A’ mil-liema zwieg ma twieldux ulied.

Illi l-kunsens tar-rikorrenti ghal dan iz-zwieg inkiseb b’qerq dwar il-kwalita’ tal-parti l-ohra li tista’ mix-xorta taghhom tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghhom, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi l-intimat huwa impotenti, sew jekk dik l-impotenza hija assoluta jew relattiva, u din il-kondizzjoni kienet tezisti qabel iz-zwieg ad insaputa tar-rikorrenti.

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Illi l-kunsens tal-partijiet, ghalkemm ma kinux interdetti jew morda b’mohhhom, ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini tal-artikolu 19 (1) (c) u/jew 19 (1) (d) u/jew 19 (1) (e) u/jew 19 (1) (g) u/jew 19 (1) (h) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi minhabba r-ragunijiet premessi u minhabba ragunijiet ohra kontemplati fl-Att XXXVII tal-1975 li jirregola z-zwigijiet, iz-zwieg bejn il-kontendenti huwa null u bla effett fil-ligi.

Ghaldaqstant, talbet l-esponenti sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-esponenti u l-intimat huwa null u bla effett fil-ligi; u

Tordna li dina n-nullita’ tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv fuq indikat.

Rat id-dokumenti annessi mal-istess rikors.

Rat ir-risposta guramentata ta’ C D fejn dan eccepixxa:

Illi l-eccipjenti jaqbel illi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fil-hmistax (15) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija u tnejn u disghin (1992) ghandu jigi ddikjarat minn din l-Onorabbli Qorti bhala wiehed null u bla effett legali u konsegwentement jigi ordnat illi din in-nullita' tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv, izda tali nullita' hija mputabbli mhux biss ghall-htijiet imputabbli lilu izda wkoll minhabba htijiet imputabbli lill-attrici, hekk kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi hu minnu illi l-kunsens ta' A B ghal dan iz-zwieg inkiseb b'qerq dwar il-kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

Illi kien il-kunsens taz-zewg kontendenti li kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha jew minhabba anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghall-kontendenti li jwettqu d-dmirijiet essenzjali taz-zwieg u dan ai termini tal-artikolu 19 (1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi kien il-kunsens taz-zewg kontendenti li kien vizzjat bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u dan ai termini tal-artikolu 19 (1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

Ikkunsidrat illi l-attrici permezz ta' din il-kawza qed titlob lill-Qorti tiddikjara z-zwieg taghha mal-konvenut null. Ir-ragunijiet moghtija ghal din it-talba jikkonsistu f'elenku shih tal-vizzji tal-kunsens kollha kif elenkati fl-Art. 19 tal-Att Dwar iz-Zwieg.

Il-Qorti qed tiddikjara mal-ewwel illi, fiz-zewg affidavit prodotti bhala l-provi kollha tal-kawza ma tirriskontra xejn minn dan kollu hlief ghall-fattur wiehed li l-Qorti hi tal-fehma li ghandu rilevanza.

L-attrici fir-rikors taghha tiddikjara illi l-konvenut huwa impotenti. Hu maghruf sew li l-impotenza li ssofri minnha persuna tista' tkun "impotentia coeundi" u cioe' dik li tirrendi l-att taz-zwieg impossibbli u "impotentia generandi" maghrufa komunement bhala sterilita'.

Mill-provi prodotti f'din il-kawza, dak li jirrizulta xjentifikament ppruvat hija fil-fatt "impotentia generandi" (certifikat mediku a fol. 19).

Huwa stabbilit fil-gurisprudenza li din it-tip ta' impotenza ma tirrendix zwieg null sakemm il-parti li tbati minnha ma tkunx ingannat il-parti l-ohra fir-rigward.

"Biex tissussisti s-sitwazzjoni ravvisata fil-paragrafu in dizamina iridu jikkonkorru erba' affarijiet: (1) il-qerq perpetrat bil-hsieb li wiehed jikseb il-kunsens tal-parti; (2) li l-qerq ikun incida fuq il-kunsens tal-parti; (3) li l-qerq ikun jirrigwarda xi kwalita' tal-parti l-ohra; u (4) li din il-kwalita' tkun tista' mix-xorta tgahha tfixkel serjament il-hajja mizzewga. F'dan il-kaz, il-Qorti tara li l-erba' elementi jissussistu b'mod car". ("**Mary Farrugia vs Joseph Farrugia"**, deciza mill-Qorti Civili, Prim'Awla fit-13 ta' Marzu, 1995).

Fil-kaz in ezami jirrizulta li l-partijiet izzewgu meta l-attrici kienet ghadha zghira, ta' eta' ta' tmintax-il sena u l-konvenut kien ferm ikbar minnha. Ghalkemm jidher li ll-partijiet ma rnexxilhomx jikkreaw bejniethom fiz-zwieg taghhom, dik l-armonija tant mixtieqa u ta' dan, jidher li kellu hafna effett il-fatt li minhabba hinijiet ta' xoghol, huma ftit kienu jkunu flimkien, jidher li baqghu jippruvaw isalvaw iz-zwieg taghhom.

Kien ghalhekk li ddecidew li jippruvaw ikollhom l-ulied. Meta rrealizzaw li ma kienx qed ikollhom success, dawn irrikorrew ghall-parir tal-professjonisti u rrizulta li l-konvenut kien sterili. Hu jammetti li kien jaf li kellu problema pero' qatt ma informa lill-mara b'hekk. Jammetti ukoll li l-problema kienet tezisti minn ferm qabel ma zzewweg, ghalkemm il-konvenut stess jammetti li qatt ma kienet investigata professjonalment.

Sabiex jigi pruvat il-qerq fl-ambitu ta’ kunsens ghaz-zwieg jehtieg li jirrizulta li, minbarra il-fatt illi jkun ezista l-habi effettivament, jehtieg ukoll illi l-istess qerq ikun jirrigwarda kwalita’ tal-parti l-ohra li tista’ tfixkel serjament il-hajja mizzewga. Dawn il-fatturi t-tnejn gew sodisfatti f’din il-kawza. Tant kemm kienet tfixkel iz-zwieg din ic-cirkostanza illi l-attrici tghid:

“Din il-haga tefghet iz-zwieg taghna lura hafna u bdejna niltaqghu kwazi ftit li xejn. Li kieku kont naf li C ma setax ikollu tfal, zgur li ma kontx nizzewweg lil C. Izjed minn hekk kellna l-piz tal-loan tal-bank u dak iz-zmien dak il-piz vera bdejt narah zejjed peress illi konna ddecidejna li nixtru l-appartament sabiex ikollna xi nhallu lit-tfal taghna. Ghalhekk issa ma kien hemm ebda raguni ghalfejn xtrajna dan l-appartament gjaladarba ma setax ikollna tfal”.

Wiehed jinnota ukoll illi malli dahlet f’relazzjoni ma’ persuna ohra, l-istess attrici kellha l-ulied.

**Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:**

Tilqa’ l-ewwel talba u tiddikjara z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fil-15 ta’ Lulju 1992 huwa null u bla effett.

Il-Qorti tilqa’ ukoll it-tieni talba.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------